MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 601/2008

**Schembri Barbros Limited; Schembri Brothers and Farrugia Limited u Schembri Concrete Blocks Limited**

**Vs**

**Goliath Developments Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li bih l-atturi, wara li qalu illi:

Is-socjeta` rikorrenti Schembri Barbros Limited kienet intavolat kawza quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Schembri Barbros Limited vs Goliath Developments Limited (2571/1998 GCD), ceduta fid-19 ta’ Frar, 1999.

Is-socjeta` rikorrenti Schembri Concrete Blocks Limited kienet intavolat kawza quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Schembri Concrete Blocks Limited vs Goliath Developments Limited (2572/98 GC), ceduta fis-26 ta' Jannar, 1999.

Is-socjeta` rikorrenti Schembri Brothers and Farrugia Limited kienet intavolat kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Schembri Brothers and Farrugia Limited vs Spiteri Martin (Avviz Numru 2375/98MM) ceduta fit-18 ta' Jannar, 1999.

Bis-sahha ta' skrittura iffirmata fil-mori tal-proceduri suriferiti, senjatament fl-14 ta' Dicembru, 1998, il-kontendenti ittransigew f'mod kumulattiv il-mertu tal-imsemmija kawzi billi s-socjeta` intimata Goliath Developments Limited ikkostitwiet ruhha debitrici tas-socjetajiet rikorrenti fl-ammont ta' tlieta u tletin elf, erba' mija hamsa u sebghin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€33,475.42c), ekwivalenti ghal erbatax-il elf, tlett mija u wiehed u sebghin Lira Maltin (Lm14,371), flimkien mal-ispejjez gudizzjarji tal-istess kawzi.

Is-socjeta` intimata baqghala thallas bilanc ta' tmintax-il elf disa' mija sitta u sittin Euro u sittax-il centezmu (€18,966.16c) rapprezentanti in kwantu ghal ghaxart elef seba' mija disa' u disghin Euro u sittax-il centezmu (€10,799.16c) bilanc tas-somma originali stipulata fl-iskrittura u tmint elef mija seba' u sittin Euro (€8,167) imghax li iddekorra fuq l-imsemmija somma ta' €18,966.16c minn dakinhar tal-iffirmar tal-iskrittura sallum.

Minkejja li s-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex twettaq il-hlas dovut minnha skond l-imsemmija skrittura hija baqghet inadempjenti.

Id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti s-socjeta` intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba ghall-hlas.

Ghalhekk is-socjeta` intimata talbet illi din il-qorti ghaliex ma ghandhiex, dispensat is-smiegh tal-kawza ai termini

tal-Artikolu 167 et. seq. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12), tikkundannaha thallas lis-socjetajiet rikorrenti l-ammont kumplessiv ta’ tmintax-il elf disa’ mija sitta u sittin Euro u sittax-il centezmu €18,966.16c, rapprezentanti in kwantu ghal ghaxart elef seba’ mija disa’ u disghin Euro u sittax-il centezmu (€10,799.16c) bilanc tas-somma originali stipulata fl-iskrittura iffirmata bejn il-kontendenti fl-14 ta’ Dicembru, 1998, u tmint elef mija seba’ u sittin Euro (€8,167) imghax li ddekorra fuq l-imsemmija somma ta’ €18,966.16c minn dakinhar tal-iffirmar tal-iskrittura sallum.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta’ Gunju, 2003, u b’imghax ulterjuri komputat millum fuq il-kapital ta’ ghaxart elef seba’ mija disa’ u disghin Euro u sittax-il centezmu €10,799.16c sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta` intimata, bid-diretturi taghha imharrka minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi u illi l-konvenuta ghalkemm talbet illi tithalla tikkontesa l-kawza ma wrietx, imqar prima facie li ghandha ragunijiet tajba biex tikkontesta l-kawza.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi tilqa’ t-talbiet maghmula fir-rikors, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------